MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1405/2001/1

**Emmanuela mart Vincent Farrugia,**
**Gemma mart Carmelo Vella,**
**Rosaria armla Caruana,**
**Joseph Fenech**

**v.**

**Nazzareno Fenech**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma komproprjetarji *pro indivizo*, flimkien mal-konvenut, tal-fond numru 9, konsistenti f'gardina, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, provenjenti lilhom mill-wirt tal-genituri taghhom Anthony Fenech u Filippa, xebba Zammit; illi kull wiehed mill-istanti bhala komproprjetarju ta' l-imsemmija proprjetà ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjetà; illi l-konvenut qed jippretendi pussess esklussiv ta' l-imsemmija gardina ad eskluzjoni ta' l-istanti; illi l-konvenut, recentement u abbuzivament, fetah access ghal(l)-imsemmija gardina, mill-fond numru 11, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, residenza tal-konvenut, u waqqa' partijiet ohra mill-hitan tal-gardina; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-atturi huma komproprjetarji *pro-indivizo* tal-fond numru 9, konsistenti f'gardina, Triq l-Ghanja Maltija Zebbug, u konsegwentement kull wiehed minnhom ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjetà; 2. tikkundanna lill-konvenut, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss: (a) jikkonsenja lill-atturi kopja tac-cavetta/muftieh tal-gardina, b'mod illi kull wiehed mill-atturi jkollu access liberu ghall-gardina; u (b) jerga' jaghmel dawk ix-xogholijiet mehtiega biex jirripara l-fethiet fil-hitan u jissegrega l-gardina numru 9 mill-fond numru 11, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, u fin-nuqqas, li l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu dawk ix-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-10 ta' Mejju 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Joseph Fenech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom ta' ko-proprjetarji;

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjent jokkupa l-fond b'titolu validu fil-ligi li qatt ma gie terminat - di fatti c-citazzjoni hija konsistenti minn talba sostanzjali in mankanza ta'

dikjarazzjoni ta' xoljiment ta' kull titolu li talvolta ghandu l-eccipjent;

3. Illi llum hu jokkupa din il-gardina bil-konsapevolezza ta' l-atturi u di fatti ghamel ammont ta' spejjez fiha - ghalhekk qabel ma jirrifondu lill-eccipjenti l-ispejjez minnu inkorsi huma ma jistghux jigu awtorizzati jiehdu access;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-disgha (9) ta' Ottubru, 2003 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet atturi, u ghal fini ta' l-ewwel talba tipprefiggi terminu ta' hamest ijiem mil-lum biex il-konvenut iforni lil kull wiehed u wahda mill-atturi kopja tac-cavetta/muftieh tal-gardina, b'mod li kull wiehed mill-atturi jkollu access liberu ghal gardina, u, ghal fini tat-tieni talba, tipprefiggi terminu ta' tletin gurnata mil-lum biex il-konvenut jaghmel a spejjz tieghu x-xogholijiet kollha mehtiega biex jirripristina l-gardina fl-istat li kienet u jissegrega l-gardina numru 9 mill-fond numru 11, Triq il-Ghanja Maltija, Zebbug, u f'kaz li l-konvenut jonqos milli jaghmel dan ix-xoghol fi zmien hawn preskritt, qed tawtorizza minn issa lill-istess atturi jaghmlu x-xogholijiet kollha mehtiega a spejjez tal-konvenut. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi l-partijiet f'din il-kawza kuma [*recte*: huma] komproprjetarji *pro indivizo* tal-gardina numru 9, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, li huma wirtu minghand il-genituri taghhom. Il-bieb ta' din il-gardina hu maghluq b'bieb li jissakkar b'muftieh, li tieghu il-partijiet ghandhom kopja wahda biss. Dan il-muftieh kien jinzamm mill-attur Joseph Fenech, u, waqt li l-omm kienet ghadha hajja, kien jiehu hsieb isaqqi z-zewg sigriet li kien hemm u, in generali, kien jiehu hsieb l-istess gardina. Wara li mietu l-

genituri zamm il-muftieh ghandu, izda kien jaghtih lil kull min mill-ahwa kien jitlobulu. Kien izomm il-muftieh hu biex kulhadd mill-ahwa ikun jaf lil min kellu jsaqsi jekk ried access ghall-gardina; kemm dam il-muftieh f'idejh, hu qatt ma cahdu lil hadd, u kien jaghtih lil kull min mill-ahwa kien jistaqsieh ghalih.

"Il-wirt tal-genituri tal-partijiet ma kienx jikkonsisti biss f'din il-gardina, imma f'diversi fondi ohra fosthom, il-fond adjacenti ghall-gardina, 11, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, li l-konvenut qed jokkupa b'titolu ta' lokazzjoni li kien ha minghand l-istess genituri tieghu. Fid-diskussjonijiet li bdew jaghmlu l-ahwa biex jaqsmu l-proprietà, il-konvenut hareg bl-idea li jixtri hu l-gardina u d-dar li kien qed jokkupa b'kera. Dwar dan il-partijiet kollha qablu, izda l-konvenut ma riedx jintrabat li jixtri z-zewg proprjetajiet f'daqqa, izda ried l-ewwel jixtri l-gardina, u wara, meta jkun jista' finanzjarment, jixtri wkoll id-dar. L-atturi ma riedux jipprocedu b'dan il-mod, ghax bezghu li, wara li jixtri l-gardina, l-konvenut ma jkollux ghagla biex jixtri d-dar, peress li qed jokkupaha b'titolu ta' lokazzjoni, u allura huma jibqghu imdendla u l-wirt jibqa' indiviz. Peress illi, allura, ma qablux fuq dan u spiccaw li l-ahwa l-bniet ma jkellmux lill-konvenut, inholoq impasse u l-wirt baqa' indiviz.

"Tul dan il-perjodu, il-konvenut talab u nghata pussess tal-muftieh tal-gardina. L-attur Joseph Fenech qal li hu ghadda l-muftieh lill-konvenut ghax, kif spjega, hu kien jghaddih lil kull min fost l-ahwa ried access ghall-gardina; il-konvenut jghid li hu kien inghata l-pussess tal-muftieh ghax qabel ma ried jiddeciedi jekk jixtrihiex jew le, ried jara jekk jinghatax permess mill-Awtorità kompetenti biex jizviluppa l-gardina f'*garage*, u ried access ghall-gardina biex il-perit tieghu ikun jista' jhejji l-pjanta u l-applikazzjoni relattiva.

"X'kien [*recte*: Kien] x'kien l-iskop li ghalih il-konvenut talab u inghata l-muftieh, jirrizulta li wara li ha l-muftieh, il-konvenut ik[k]apparra ghalih il-gardina, ghamel xogholijiet fl-istess gardina billi qala' l-hamrija u ghamel art tal-konkos u beda jibni *garage* fejn qabel kien hemm il-

gardina; hu zamm il-muftieh ghalih u qed jirrifjuta li jaghti access ghall-gardina/*garage* lill-hutu l-atturi, mieghu komproprietarji tal-fond.

"Il-konvenut jallega li hu ghandu titolu li jintitolah jibqa' in okkupazzjoni tal-fond, però, fil-kors tas-smiegh tal-kawza ma wera ebda titolu aqwa jew differenti minn dak li hu jgawdi flimkien ma' hutu, u cioè, titolu ta' komproprjetarju bhala ko-eredi mill-genituri tieghu. Hu stess jammetti li meta inghata l-kirja tal-fond, l-access mill-fond ghall-gardina kien già imbarrad bil-gebel, u l-kirja li kien igawdi tad-dar qatt ma kienet tinkludi l-gardina, tant li hu qatt ma kellu l-muftieh tal-gardina. Il-gardina baqghet f'idejn il-genituri tieghu, li anke kellhom xi hamiem fiha, u baqa' jiehu hsiebha l-attur Joseph Fenech li f'idejh il-genituri fdaw il-muftieh. Il-konvenut, ghalhekk, ma jgawdi minn ebda titolu specjali fuq il-gardina, u meta, wara l-mewt tal-genituri, inghata il-pussess tal-muftieh, ma inghata ebda titolu partikolari, izda inghata il-possibilità li juza l-istess gardina kif kellhom id-dritt li jaghmlu, sa dak il-mument, l-ahwa kollha. Kien il-konvenut li unilateralment zamm ghalih innifsu l-uzu u d-dgawdija tal-gardina u qed icahhad lil hutu milli jaghmlu uzu mill-istess gardina, kif ghandhom dritt li jaghmlu bil-ligi.

"Il-pretensjoni tal-konvenut li hu jgawdi xi titolu esklussiv fuq il-fond, hi wahda bla bazi, ghax bil-fatt li kien qed jiddiskuti li jixtri l-gardina u anke wasal mal-vendituri fuq ftehim dwar il-prezz, ma jintitolahx izomm ghalih il-fond in komuni, u, sahansitra, ibiddel in-natura ta' l-istess fond. Dawk in-negozjati ma jaghtuh ebda titolu jew jedd fuq il-gardina, u meta kkapparra ghalih il-fond, biex forsi anke igieghel lil hutu jbieghhulu, ikun [*recte*: kien] qed jagixxi b'mod abuziv u bi hsara ghad-drittijiet ta' hutu l-atturi.

"Dan mhux kaz fejn qed jintalab l-izgumbrament tal-konvenut li qed jigi allegat li qed jokkupah 'bla titolu', u allura mhux mehtieg li din il-Qorti tidhol fl-import guridiku ta' xi tfisser 'bla titolu', u jekk ghandhiex, fl-ewwel lok, tintalab terminazzjoni tat-titolu gawdut mill-konvenut. L-atturi, fil-fatt, m'humiex qed jitolbu li jigi terminat it-titolu li ghandu l-konvenut fuq il-fond. Id-dritt tal-konvenut ghall-

okkupazzjoni hu derivanti biss mid-drittijiet tieghu ta' ko-proprjetarju, u xejn aktar, u dan m'ghandux dritt ghad-dgawdija esklussiva tal-gardina. Il-konvenut mhux qed jokkupa l-gardina b'xi titolu ta' komodat jew b'xi titolu iehor prekarju, li huwa titolu originali u indipendenti minn kwalunkwe titolu iehor, izda bis-sahha tad-drittijiet tieghu bhala koproprjetarju, liema drittijiet hu ma jistax igawdihom wahdu. Il-konvenut inghata c-cavetta tal-gardina ghax ried jaghmel il-verifiki tieghu peress li kien imhajjar jixtri l-gardina, izda ma nghatax pussess esklussiv tal-fond, li hu mehtieg biex jinholoq titolu ta' komodat. Peress li l-bieb tal-gardina kellu muftieh wiehed, dan kien jinghata lil min ried access, izda lil hadd ma kien jinghata b'mod esklussiv jew b'titolu ta' xi pussess, hu x'inhu, ghajr dik [*recte*: dak] li johrog mid-drittijiet tal-partijiet bhala ko-proprjetarji.

"Skond l-artikolu 491 tal-Kodici Civili, kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun basta: (a) li jinqeda bil-haga skond id-destinazzjoni taghha kif stabbilita bl-uzu; u (b) li ma jinqediex bil-haga kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jhallix lill-komproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom.

"F'dan il-kaz il-konvenut kiser dawn iz-zewg kondizzjonijiet imposti bil-ligi ghall-uzu tal-haga in komun, ghax mhux biss biddel id-destinazzjoni tal-gardina, u kkonverta l-art f'uzu ghall-*garage*, izda qed juzaha b'mod li qed icahhad lill-komproprjetarji l-ohra milli jgawdu huma wkoll mill-gardina. Kwindi l-uzu li l-konvenut qed jaghmel tal-fond hu wiehed illegali.

"Skond il-gurisprudenza komproprjetarju jista' jibqa' fid-dgawdija esklussiva tal-haga in komun, almenu sal-qasma, jekk hu jkun fid-dgawdija esklussiva tal-oggett minn qabel ma tinholoq il-komproprjetà. F'dan il-kaz, il-konvenut ma kellux il-pussess esklussiv sakemm mietu l-genituri tieghu, u dan il-pussess esklussiv hu hatfu unilateralment u kontra r-ried[a] tal-komproprjetarji l-ohra, fis-sens, li qed icahhad lill-atturi mill-pussess u dgawdija li huma wkoll ghandhom fuq il-fond in kwsitjoni.

"Il-gardina in kwistjoni, kwindi, kienet u ghadha ta' komproprjetà tal-kontendenti kollha, u hadd minnhom ma kellu jew ivvanta pussess esklussiv taghha fil-mument tal-mewt ta' l-ahhar wiehed mill-genituri, u kwindi l-eredi kollha ghandhom dritt li jkollhom access liberu ghall-istess gardina u ghandhom, allura, kollha jkollhom kopja tac-cavetta ghall-bieb tal-gardina (ara sentenzi riportati fil-Kollez. Vol. XXXII.II.523, XXXV.I.15 u XXXVII.II.612).

"Ghar-rigward ta' l-alterazzjonijiet li saru mill-konvenut jinghad fil-kawza Grech vs Cremona, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell fid-29 ta' Marzu, 1985, illi a tenur tal-ligi, ebda komproprjetarju ma jista' jaghmel alterazzjonijiet fil-fond minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra, u jekk anke wiehed mill-komproprjetarji jallega li hu ma tax il-kunsens tieghu, jista' jagixxi kontra dak il-komproprjetarju li wettaq l-alterazzjonijiet minghajr biss il-htiega li l-komproprjetarji l-ohra jiddahhlu fil-kawza.

"Ghalkemm il-ligi tipprojbixxi b'mod generali li jsiru alterazzjonijiet fl-oggett in komuni, l-gurisprudenza nostrali ittaffi ftit din ir-restrizzjoni u kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza Chircop vs Xuereb et, deciza fis-16 ta' Mejju, 1961, b'akkoljiment ta' gurisprudenza antecedenti, '*bil-projbizzjoni msemmija fl-artikolu 530 (illum 493) tal-Kodici Civili, wiehed ghandu jifhem dawk l-alterazzjonijiet li ghandhom it-tendenza li jbiddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-haga komuni, u mhux ukoll dawk li semplicement iservu ghall-ahjar godiment tal-haga*.'

"F'dan il-kaz jirrizulta li l-konvenut ghamel diversi xogholijiet u alterazzjonijiet fil-gardina minghajr il-kunsens ta' hutu l-komproprjetarji l-ohra;  jekk jista' jkun hemm dubju fil-konfront ta' l-attur Joseph Fenech, zgur ma jista' jkun ebda dubju fir-rigward ta' l-atturi l-ohra, li qatt ma gew infurmati dwar dawk ix-xogholijiet u oggezzjonaw ghalihom meta saru jafu li kien qed isir xi xoghol fil-gardina.

"Jirrizulta wkoll li l-konvenut biddel id-destinazzjoni u l-istat tal-gardina, ghax ikkonverta l-istess art *f'garage*.   Kif

intqal ukoll fil-kawza Degabriele vs Degabriele, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1995, komproprjetarju m'ghandux dritt li jaghmel tibdil ta' sustanza li jbiddel in-natura ta' l-oggetti in komun minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji kollha; il-bini ta' art fabbrikabbli, u allura t-tibdil ta' dik l-art minn sit fabbrikabbli ghal fond fabbrikat, bla dubju ta' xejn kien jikkostitwixxi tibdil fis-sustanza ta' l-oggetti in komun. Dak li ghamel il-konvenut f'dan il-kaz, bla dubju ta' xejn, ibiddel is-sustanza u anke d-destinazzjoni tal-proprietà in kwistjoni, u, kwindi, huma xogholijiet illegali li l-konvenut irid inehhi u jirriprestina l-fond fl-istat li kien. Irid ukoll jaghlaq l-access li seta' fetah mid-dar tieghu ghal din il-gardina, u dan peress li *ex admissis* dak l-access kien imblokkat bil-gebel meta mietu l-genituri tal-partijiet u l-gardina ma kienet qatt tifforma parti mill-fond numru 11 mikri lilu."

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti tilqa' l-appell tieghu u tirrevoka s-sentenza moghtija fid-9 ta' Ottubru, 2003 u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici appellata (*sic*);

Rat ir-risposta ta' l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell huwa frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma in sostanza s-segwenti:

1. Illi bil-mod kif l-ewwel Qorti pprovdiet dwar it-tieni (2) talba attrici iddecidiet *ultra petita*;

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:

"Il-konvenut ihoss li [huwa] gie muri f'dawl hazin bhallikieku ha l-muftieh u ma halla lil hadd jaghmel uzu tal-fond";

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, huwa mehtieg illi jigi precizat illi, mill-mod kif inhu redatt il-paragrafu tar-rikors ta' appell illi jibda bil-kliem "**L-EWWEL** peress" (l-ahhar paragrafu, fol. 69), ghandu jigi dedott illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant huwa dirett biss kontra dak illi gie deciz fis-sentenza appellata dwar il-paragrafu (b) tat-tieni (2) talba attrici. Probabbilment, il-konvenut gie indott f'dan l-izball peress illi fid-dispozittiv tas-sentenza appellata jinghad (fol. 64):
"… u ghal fini tal-ewwel talba, tipprefiggi terminu ta' hamest ijiem mil-lum biex il-konvenut iforni lil kull wiehed u wahda mill-atturi kopja tac-cavetta/muftieh tal-gardina …" (sottolinear ta' din il-Qorti),

meta l-provvediment relativ huwa minghajr ebda dubbju dwar it-talba 2.(a) attrici. Fil-parti dispozitiva ta' dan il-gudikat sejra issir il-precizazzjoni opportuna;

Maghmula dawn il-kjarifiki, huwa utili illi, sabiex jigi kunsidrat l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant, jigu hawn riprodotti it-talba 2.(b) attrici u dik il-parti tas-sentenza appellata illi tikkontjeni d-decizjoni dwar l-istess talba.

Permezz tat-talba 2.(b) taghhom l-atturi talbu lill-Qorti:
"2. Tikkundanna lill-konvenut, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss;
…
(b). Jerga' jaghmel dawk ix-xogholijiet mehtiega biex jirripara l-fethiet fil-hitan u jissegrega l-gardina numru 9 mill-fond numru 11, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, u fin-nuqqas, li l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu dawk ix-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenut" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar it-talba 2.(b) taqra hekk:
"… ghal fini tat-tieni talba, tipprefiggi terminu ta' tletin gurnata mil-lum biex il-konvenut jaghmel a spejjez tieghu

x-xogholijiet kollha mehtiega biex jirripristina l-gardina fl-istat li kienet u jissegrega l-gardina numru 9 mill-fond numru 11, Triq il-Ghanja Maltija, Zebbug, u f'kaz li l-konvenut jonqos milli jaghmel dan ix-xoghol fi zmien hawn preskritt, qed tawtorizza minn issa lill-istess atturi jaghmlu x-xogholijiet kollha mehtiega a spejjez tal-konvenut" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dawk illi l-ewwel Qorti tikkonsidra bhala "x-xogholijiet mehtiega biex [il-konvenut] jirripristina l-gardina fl-istat li kienet" jirrizultaw mill-kontenut tal-paragrafu tas-sentenza appellata illi jigi immedjatament qabel id-disposittiv. Dan il-paragrafu jaqra hekk (fol. 64):
"Jirrizulta wkoll li l-konvenut biddel id-destinazzjoni u l-istat tal-gardina, ghax ikkonverta l-istess art f'*garage*. Kif intqal … fil-kawza *Degabriele vs Degabriele*, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1995, komproprjetarju m'ghandux dritt li jaghmel tibdil ta' sustanza li jbiddel in-natura ta' l-oggetti in komun minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji kollha; il-bini ta' art fabbrikabbli, u allura t-tibdil ta' dik l-art minn sit fabbrikablli ghal fond fabbrikat, bla dubju ta' xejn jikkostitwixxi tibdil fis-sustanza ta' l-oggetti in komun. Dak li ghamel il-konvenut f'dan il-kaz, bla dubju ta' xejn, ibiddel is-sustanza u anke d-destinazzjoni tal-proprietà in kwistjoni, u, kwindi, huma xogholijiet illegali li l-konvenut irid inehhi u jirriprestina l-fond fl-istat li kien. Irid ukoll jaghlaq l-access li seta' fetah mid-dar tieghu ghal din il-gardina, u dana peress li *ex admissis* dak l-access kien imblokkat bil-gebel meta mietu l-genituri tal-partijiet u l-gardina ma kienet qatt tifforma parti mill-fond numru 11 mikri lilu" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghalhekk, ma jidhirx illi hemm dubju illi x-xogholijiet illi l-konvenut, permezz tas-sentenza appellata, gie kkundannat illi jaghmel sabiex "jirripristina l-gardina fl-istess li kienet" jikkomprendu d-demolizzjoni tal-*garage* illi bena l-konvenut fl-istess gardina. Anqas ma ghandu jkun hemm dubbju illi din id-demolizzjoni ma ntalbitx mill-atturi fl-att ta' citazzjoni. Infatti, dak illi talbu l-atturi, kif già inghad, kien illi l-konvenut - apparti illi jissegrega l-gardina mill-fond numru 11 - "jirripara l-fethiet fil-hitan". Jidher

ghalhekk illi, safejn fis-sentenza appellata jinghad illi l-konvenut ghandu jiddemolixxi l-imsemmi *garage*, l-ewwel Qorti iddecidiet *ultra petita*;

Ghalhekk, l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellant, fil-limiti tal-konsiderazzjoniet ta’ hawn fuq, huwa fondat. Konsegwentement, is-sentenza appellata sejra tigi riformata - jew, pjuttost, kjarifikata - konformement;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju, ma hemmx wisq x’jinghad. Ma huwa veru xejn illi fis-sentenza appellata “Il-konvenut … gie muri … bhallikieku hu abbuzivament ha l-muftieh”. Infatti, fis-sentenza gie konstatat illi (fol. 59):
“… il-konvenut <u>talab</u> u <u>nghata</u> pussess tal-muftieh tal-gardina” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Huwa veru, però, illi l-provi prodotti juru illi, wara illi l-konvenut inghata l-imsemmi muftieh huwa “ma halla” - u anqas qed ihalli - “lil hadd [mill-atturi] jaghmel uzu tal-fond” u illi dan qed jaghmlu minghajr ebda dritt u, ghalhekk, abuzivament. Jekk dan l-agir ipoggi lill-konvenut f’dawl hazin ma huwiex tort tal-Qorti izda huwa tort ta’ l-istess konvenut, *imputet sibi*;

Ikkunsidrat:

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-kontenut tal-paragrafu tar-rikors ta’ appell illi jibda bil-kliem “**IT-TIELET** peress” ma jikkontjeni ebda aggravju kontra s-sentenza appellata u ma jimmerita ebda konsiderazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi anqas ma hemm ghalfejn jigi konsidrat il-kontenut tal-paragrafu tar-rikors ta’ appell illi jibda bil-kliem “**IR-RABA’** peress” ghaliex, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, kien ikun hemm il-htiega illi jigi konsidrat dan il-paragrafu biss kieku ma giex milqugh l-ewwel (1) aggravju, bil-konsegwenza illi l-appellant kien ikollu jiddemolixxi l-imsemmi *garage*; fil-fatt, dan l-ahhar imsemmi aggravju gie milqugh;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi tiddikjara illi, kwantu ghat-talba 2.(b) attrici, ix-xogholijiet illi l-konvenut huwa kundannat illi jaghmel u illi, fin-nuqqas l-atturi huma awtorizzati illi jaghmlu a spejjez tal-konvenut, huma dawk imsemmija fl-istess talba attrici, jigifieri, "dawk ix-xogholijiet mehtiega biex jirripara l-fethiet fil-hitan u jissegrega l-gardina numru 9 mill-fond numru 11, Triq l-Ghanja Maltija Zebbug", u b'dan ukoll illi t-termini stabbiliti fil-parti dispozitiva ta' l-istess sentenza ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-atturi appellati u kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------